MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2012

Numru. 718/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**MARTIN PIROTTA ta' 36 sena, iben Paul u Antonia nee' Galea, imwieled Tal-Pieta' nhar id-19 ta' Awwissu, 1975, residenti fil-fond numru 14, Triq il-Kuncizzjoni, Marsa, detentur tal-karta 427175M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Martin Pirotta** li gie akkuzat talli:

1. Nhar id-29 ta' Awwissu, 2004, f'xi hin wara nofsinhar, fil-Mosta, ikkommetta serq ta' safe kontenenti somma ta' Lm8,000.00 flus kontanti, u diversi oggetti

ohra, u kif ukoll deheb minn residenza ‘Malgradon’, fi Triq E B Vella, Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment ta’ George Schembri;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat illi fi stadju ta’ interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni gew mibghuta l-Artikoli taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe’:

- L-Artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikolu 334 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- L-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi sussegwentement maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat illi nonostante t-trapass taz-zmien, id-Difiza, wara l-gheluq tal-provi tal-Prosekuzzjoni, baqghet ma ressqet ebda provi taghha, tant illi ezebita r-relazzjoni ta’ l-espert ta’ l-impronti digitali Joseph Mallia, minn fejn allura rrizulta

pozittiv il-*match* tal-marka ta' l-id ix-xellugija ta' l-imputat ma' lifter misjub, u allura elevat minn fuq il-genb tat-television li kien gewwa l-study room fis-sit derubat (ara Dok JM folio 14, u Dok KA folio 62), l-imputat ghazel illi jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Aktar tard fil-mori tal-proceduri, rega' ammetta l-istess akkuzi.

Semghet ix-xhieda ta' certu Alfred Borg illi ra ragel hiereg jigri minn go garaxx u jidhol go karozza li ghamlet rejzjatura kbira u daret. Kien hawn illi sahhah is-suspetti tieghu ghax din il-vettura kellha r-registration plate bin-numri taghha mghottija b'bicca. Irnexxielu pero jikteb ir-registration tan-numri ta' wara fuq karta li giet ezebita mill-Ispettur u li l-istess xhud gharaf – EAE612, Dok AB. Gharaf lill-imputat bhala d-driver ta' din il-karozza. Kien immedjatament ukoll gie nfurmat minn certu George bis-serqa li kien ghadu kif sofra.

Id-derubat George Schembri xehed dwar is-serqa li sofra mir-residenza tieghu, cioe' li sahansitra nsteraqlu s-safe. Dwar il-kontenut ta' dan is-safe xehed illi kien fih Lm8,000.00.

Saljenti f'dan l-istadju li wiehed anke jhares lejn ir-ritratti prezentati mis-SOCO li juru allura t-television li fuqu nstabet l-impronta ta' l-imputat li kien qieghed fl-studio li minnu skond Schembri nsteraq is-safe.

Carmen Schembri, mart George, xehdet illi fih is-safe kellu choker li kienet xtrat minghand Carbott li xtrat bejn Lm500.00 u Lm600.00; kaxxa li kien fiha Lm200.00 u Lm250.00. Xehdet illi fis-safe kien hemm ukoll is-somma ta' Lm8,000.00 li kienet ta' bintha Lisa Marie.

Il-bint allura xehdet illi l-genituri taghha kienu tawha s-somma ta' Lm23,000.00 ghax kienet qed tibni l-Mellieha, minnhom kien fadlilha s-somma ta' Lm8,000.00. Dawn kienu merfughin fis-safe.

Ikkunsidrat:

Certament apparti ghall-ammissjoni ta’ l-imputat, ix-xhieda mressqa - kemm okulari kif ukoll forensika, timmilita b’mod konkret favur il-htija tieghu.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssibu hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 280, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issibu hati wkoll tar-recidiva wara li rat l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (vide sentenza ezebita f’dan ir-rigward).

Dwar il-piena, in vista’ ta’ l-ammissjoni, din il-Qorti ordnat li jsir Pre-Sentencing Report. Rat il-konkluzjonijiet hemm imnizzla mill-ufficjal tal-Probation (Dok ML folio 172), fejn hemm gie rakkomandat li l-imputat ilu snin izomm ‘il boghod minn sustanzi lleciti, zamm impjieg fiss u regolari, anke li refa’ s-sehem tieghu fit-trobbija ta’ wliedu. Irrakkomandat ghalhekk l-ufficjal tal-Probation illi s-sentenza ghandha tkun tinkorpora fiha element ta’ supervizjoni u kumpens. Dan gie rakkomandat mill-istess ufficjal tal-Probation stante li fil-fehma taghha, l-imputat ma kienx fehem il-hsara tar-reati li kien ammetta ghalihom (folio 178).

Semghet fit-tul it-trattazzjoni dwar il-piena, u hadet verament in konsiderazzjoni l-progress li ghamel l-imputat, anke l-fatt illi wara hafna zmien ghazel illi jirregistra ammissjoni. Sfortunament din il-Qorti, minhabba r-recidiva, hija ghal kollox prekluza milli tapplika l-Artikolu 28A, u anke l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, biex b’hekk kienet zgur torbot lill-imputat b’terminu effettiv ta’ restituzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti m’ghandha ebda triq ohra hlief li tikkundanna lill-imputat Martin Pirotta ghal piena ta’ prigunerija effettiva ta’ sentejn(2), li ghar-ragunijiet tal-progress minnu muri mhux qed timponi lejn il-massimu taghha.
Rat ukoll l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tqis illi ghandu jigi liberat mill-effetti ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu dan gie moghti bhala Kap alternattiv.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €375.13.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------